MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Numru 207/1997

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDRA MAMO
VS
CLEMENT GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clement Gauci ta’ 44 sena, iben John u Josephine nee Balzan, imwieled B’Kara fis-26 ta’ Novembru 1952 u residenti Bunchville Triq Karm Zerafa, B’Kara detentur ta’ karta tal-identita numru 862752M talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

a) iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra illi meta jigu ippresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew

stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u talli xjentement ghamel uzu mill-istess dokumenti falsifikati u dan bi ksur tal-Art 167 u 169 tal-kap tal-Ligijiet ta' Malta

b) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' Bank privat, b'falsifikazzjoni jw tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi, wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw, u aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija hawn fuq u dan bi ksur ta' l-Art 183 u 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' taghrif falz u dan bi ksur ta' l-Art 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jw billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra, sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra u dan bi ksur tal-Art 308 u 310 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) F'isem il-Kontrollu tad-Dwana, fid-9 ta' Dicembru 1993 u/jew f'xi data qabel jew wara din id-data, f'isem Meme Trading Agency ta' 281, St Paul's Street, Valletta importa f'Malta kwantita ta' hwejjeg ta' taht, fejn instab li biex jirrilaxxja l-istess oggetti mid-Dwana, huwa ippresenta lill-Awtoritajiet tad-Dwana fatturi foloz li juri valuri baxxi bl-intenzjoni li jevadi l-hlas ta' Dazju ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta ta' aktar minn Lm500 u dan bi ksur ta' l-Art 18, 60(a)(k) u 62(b)(e)(f)(g)(h)(l)(k)(m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat illi l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni precizament mix-xhieda ta; Spettur Mamo (fol 14 et seq) jirrizulta illi l-kontrollur tad-Dwana talab lill-pulizija tinvestiga kaz ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti tad-Dwana u Evazjoni ta' Dazju mill-imputat li jiggestixxi Meme Trading Agency 281, St Paul's Street, Valletta.

Spettur Mamo xehdet li l-Kontrollur tad-Dwana kellu fil-pussess tieghu zewg invoices ghal rilaxx ta' merkanzija, hwejjeg ta' taht, mill-imputat Clement Gauci.

L-ufficjal prosekutur esebit stqarrija tal-imputat li ghazel li ma jiffirmahhiex. (fok AFM1 a fol 17) fejn l-imputat xehed illi kien ippresenta l-invoices kollha rigwardanti din il-merkanzija li kienu intbaghtu lilu min Singapore.

Il-Kontrollur tad-Dwana esebixxa l-letter to prosecute li kkonfermaha.

Paul Vassallo, ufficjal tad-Dwana sezzjoni kontra l-Frodi, xehed a fol 25 et seq, illi kien gie mghoddi file ta' Meme Trading Company Limited u sab illi din il-kumpanija kienet impurtat kunsinna ta' brassiers minn PUMA Trading Agency bbazata f'Hong Kong li kienet turi valur ta' 10,625 dollari amerikani li fuqha gie imhallas dazju ta' Lm1996 b'rata ta' 47%. Illi pero f'xi stadju ulterjuri kienet instabet fattura ohra dwar l-**istess** merkanzija fejn il-valur ta' tali merkanzija kien jidher f'ammont ta' 13,656 dollari amerikani li fuqha id-dazju dovut kien ikun ta' Lm2521.

Illi l-importatur, l-imputat, kien gja hallas l-ewwel Dazju komputat mid-Dwana u ghaldaqstant il-merkanzija kienet giet rilaxxata lill-importatur. L-invoice allegatament falza hija esebita bhala dok EC5 u l-invoice allegatament originali giet esebita bhala dok EC4.

Illi ghaldaqstant id-Dwana Maltija kienet ikkorrispondiet mad-Dwana ta' Hong Kong u din tal-ahhar ikkonfermat illi l-invoice falza kienet Dok EC5 u waqt illi dok EC4 kienet genwiena.

Joseph Miceli a fol 31 et seq, ikkonferma ix-xhieda ta' Paul Vassallo kif ghamel filfatt Louis Galea, ufficjal tad-Dwana.

Illi gew esebiti min Joseph Miceli fis-seduta tal-21 t'Ottubru 1998 (fol 109 et seq) il-korrispondenza kollha bejn id-Dwana ta' Malta u dik ta' Hong Kong.

Illi f'dan l-istadju l-ufficjal prosekutur talab illi jinbdew il-proceduri ta'ittri Rogatorji ghal Hong Kong ghal konferma tal-awtenticita tad-dokumenti esebiti, u ir-rizultanzi tal-investigazzjoni li saret mid-Dwana ta' Hong Kong.

Illi l-imputat fix-xhieda tieghu xehed illi huwa kien importa konsenja ta' hwejjeg ta' taht minn Hong Kong u li in-negozjati ghal tali konsenja kienu saru dejjem tramite korrispondenza il-ghaliex huwa qatt ma iltaqa personalment mal-agenti.

Xehed illi il-kumpanija estera kienu baghtulu konferma ghal tali importazzjoni u hu hallas permezz ta' bankdraft.

Xehed illi l-kumpanija estera kienet bghattielu ix-xoghol kif wkoll il-fatturi. Illi huwa qabad il-fatturi u tahom direttament lid-Dwana. Illi sussegwentement xi ufficjali tad-Dwana kienu gibdulu l-attenzjoni illi kien hemm zewg fatturi u li hu irrispondiehom, u li hu sempliciment kien bghat il-fatturi kollha li bghatulu. Gie mitlub jhallas Lm555 aktar u li dan hallashom "under protest".

Illi huwa kif ra hekk kien talab spjegazzjoni lill-kumpanija estera illi bghatulu fax li giet ippresentata bhala dok CG (fol 311) fejn qalulu illi kien sar zball minn naha taghhom.

Ikkunsidrat:-

Illi il-Qorti rinfaccata b'dawn it-tip ta' provi fejn il-provi kardinali tal-prosekuzzjoni huma milqughtin minn rikwizit elimentari ta' awtenticita ma tistax tibda biex tikkonsidra id-dokumenti esebiti, ahseb u ara tezaminahom u taghtihom xi piz probatorju.

Illi dan qed jinghad bla ebda dell ta' xi htija jew mankanza fuq l-prosekuzzjoni li ghamlet hilitha sabiex tikseb ix-xhieda permezz ta' ittri rogatorji. Il-mankanza hija wahda minn livell hafna aktar gholi u cioe gej minn nuqqas ta' ftehim bilaterali bejn Malta u Hong Kong ghal rigward ta' dawn it-tip ta' proceduri.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti anki in vista tal-provi mressqa mill-imputat mghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------